# FACT SHEET

## KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR L-ASSISTENZA PERSONALI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT

inklużjoni



Il-liġi qed tipproponi li persuni b'diżabilità jkollhom id-dritt għall-assistenti personali.

L-assistenti personali huma persuni li jagħtu sapport lill-persuni b'diżabilità fil-ħajja ta' kuljum.



L-assistenti personali jistgħu jaħdmu ma' kumpanija, ma' kooperattiva, ma' intrapriża soċjali jew ma' għaqda. Inkella jistgħu jaħdmu għal rashom.

L-assistenti personali huma intitolati li jirċievu ħlas ta' xogħolhom. F'ċerti każijiet (eż. ħbieb fuq bażi temporanja), jistgħu wkoll jappoġġjaw pesuna mingħajr ma jieħdu flus.



Ser ikunu jistgħu jsiru regoli biex isir iktar faċli li l-assistenti personali jaħdmu għal rashom, ma' kumpanija jew ma' għaqda.



Għaqdiet, kooperattivi, intrapriżi soċjali jew kumpaniji, meta joffru biss servizzi ta' assistenti personali, jistgħu japplikaw sabiex isiru assoċjazzjonijiet ta' assistenti personali.

Dawn ikunu jistgħu jitmexxew ukoll mill-persuni b'diżabilità nfushom jew mill-familjari tagħhom, kif jiġri f'pajjiżi oħra.



Id-Direttur tad-Diżabilità ser jagħti s-sapport lill-persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jispjegaw il-bżonnijiet tagħhom lill-assistenti personali.

Id-Direttur tad-Diżabilità huwa l-persuna li jmexxi d-dipartiment tal-Gvern li jieħu ħsieb id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.



Id-Direttur tad-Diżabilità se jipprovdi wkoll it-taħriġ lill-assistenti personali ħalli jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom.



Biex l-assistenti personali jitħallsu talli jagħtu sapport lil persuni b'diżabilità, dawn l-assistenti personali jridu jkunu rreġistrati.

Ir-reġistrazzjoni tfisser li l-assistent personali huwa parti minn lista, miżmuma mid-Direttur tad-Diżabilità.



Biex ikunu parti mir-Reġistru, l-assistenti personali għandhom bżonn ċertifikat, li juri li ma jkunu għamlu xejn kontra l-liġi.

Jekk jinstab li assistent personali jkun mexa ħażin ma' persuna b'diżabilità, jista' jitneħħa mir-Reġistru.



Jekk persuna b'diżabilità tħoss li l-assistenti personali tagħha mhux qed jagħtuha sapport kif suppost, tista' tagħmel rapport lis-CRPD.

Jekk iħossu li assistent personali jkun qed jagħmel xi ħaġa ħażina ħafna, is-CRPD jew persuna b'diżabilità jistgħu wkoll jistaqsu lill-Pulizija għall-għajnuna.



Il-Gvern ta' Malta jagħti l-flus lill-Aġenzija Sapport sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jużawhom biex iħallsu għall-assistenza personali.

Il-persuni b'diżabilità jistgħu jagħmlu talba lid-Direttur tad-Diżabilità, sabiex l-Aġenzija Sapport tagħtihom il-flus biex iħallsu assistenti personali.



Dawn it-talbiet jiddeċiedi dwarhom il-Bord dwar l-Iskema tal-Assistenza fil-finanzjament personali (Personal Budget Assistance Scheme (PBAS) Board).

Bord huwa grupp ta' nies li jitkellmu bejniethom u mal-applikant biex jiddeċiedu dwar ċerti affarijiet.

inklużjoni

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT